**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 17 ta' Frar 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 358 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 28**

**IV**

**Vs**

**DG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' IV datat 17 ta' Lulju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-esponent u l-intimata DG zzewgu fit-13 ta' Awissu 2011 fil- parrocca tas-Sacro Cuor, Sliema, u z-zwieg taghhom gie registrat fl-Ufficju tar-Registru Pubbliku bl-Att taz-Zwieg numru 2199/2011 (Dokument A).*

*Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tifel wiehed, DYG, li twieled fl-X u llum ghandu X -il sena.*

*Illi l-istess partijiet isseparaw b'kuntratt tan-Nutar Dottor Rosalyn Aquilina tas-17 ta' Jannar 2024 (Dokument B). B'dan il-kuntratt, l-esponent kien intrabat li jghaddi lill-intimata s-somma ta' €300 fix-xahar, oltre nofs l-ispejjez edukattivi u medici ordinarji u straordinarji. Bl-istess kuntratt, huma kienu rrinunzjaw ghad-drittijiet successorji u ta'*

*manteniment fil-konfront ta' xulxin, u xoljew u llikwidaw il-kommunjoni ta' l-akkwisti ga ezistenti bejniethom.*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu mifrudin sa minn qabel id-data tas-separazzjoni legali taghhom, u ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai teriminu tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg numru 2199/2011.*

*Bl-ispejjez.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** viva voce nhar il-11 ta' Novembru 2024 **(a fol 15)** illi huma izzewgu nhar l-13 ta' Awwissu 2011. Minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni. Xehed illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar is-17 ta' Jannar 2024 fl-atti tan-nutar Dr Rosalyn Aquilina. In oltre kkonferma li l-partijiet kienu ghexu separatament ghal xhur qabel ma sseparaw legalment. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda

prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata** xehdet viva voce nhar il-11 ta' Novembru 2024 (**vide fol 16**) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 ta' Awwissu 2011 liema zwieg jgib certifikat numru 2199/2011 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Rosalyn Aquilina nhar is-17 ta' Jannar 2024 (Vide fol 4 et seqq) u ghexu separatament ghal xhur qabel ma sseparaw legalment. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2199/2011 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**